MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 13/2010

**Diane Dimech**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Gunju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti
>
> Ikkunsidera

Illi rrizulta ampjament mill-ispezzjoni li saret mid-Dipartiment tal-Frodi tal-Beneficcju u Investigazzjoni li l-appellanti ma kienetx qed tifforma familja ghal rasha flimkien ma' binha. Di fatti ex admissis is-sieheb jghix maghha. Il-bzonnijiet tieghu inkluz hwejjeg ta' kull stagun instabu ghandha.

F'zewg spezzjonijiet l-appellanti kkoperat. Fl-ohra ghazlet li tonqos mid-doveri taghha.

Dawn il-kambjamenti fic-cirkostanzi taghha li jinfluwixxu fuq l-ghoti tal-beneficcju ma gewx irrapurtati lid-Dipartiment.

L-appell qed jigi michud."

Bl-appell taghha minn din is-sentenza r-rikorrenti Diane Dimech tikkontesta l-gudizzju ta' l-Arbitru bid-deduzzjoni illi s-sieheb taghha Charles Saliba okkazjonalment biss jaghmel "*sleepover*" fil-fond taghha pero` ma jmantnihiex. Hi tghid ukoll illi f'Marzu 2009 kienet temmet dik ir-relazzjoni u ghamlitlu hwejgu go kaxxa izda peress li l-imsemmi Charles Saliba kien joqghod wahdu, ghamlithomlu f'ambjent tal-dar taghha. Konsegwentement, hi tilmenta illi d-Direttur wasal ghad-decizjoni tieghu fuq premessi zbaljati;

Mill-atti jirrizulta li l-appellanti kienet tircievi Ghajnuna Socjali (SA) mid-Dipartiment, liema ghajnuna giet imwaqqfa lilha fit-2 ta' Gunju, 2009, u aktar tard, fl-20 ta' Jannar, 2010. Fiz-zewg okkazjonijiet l-appellanti ssottomettiet gravam lill-Arbitru fid-9 ta' Gunju 2009 u fil-11 ta' Frar 2010 rispettivament biex toggezzjona illi hi kienet qeghda tghix wahidha flimkien ma' binha minuri u minghajr assistenza ta' hadd;

Dejjem skond l-istess atti jidher li d-Direttur appellat ifformula d-decizjoni tieghu fuq ir-rizultanzi u l-konstatazzjonijiet ta’ l-ispettorat tal-Frodi fir-rapport taghhom ta’ l-14 ta’ Mejju 2009. Jinghad f’dan l-istess rapport illi mid-diversi spezzjonijiet kondotti, in partikolari l-ahhar wiehed li sar fl-istess jum tar-redazzjoni tar-rapport fis-7:45 a.m. huma vverifikaw illi fil-kamra tas-sodda taghha, apparti l-hwejjeg personali ta’ l-appellanti; kien hemm ukoll ilbies tas-sess maskili gewwa gwardarobba u wkoll fi gradenza u fuq pultruna. Dejjem skond dan ir-rapport l-appellanti kienet informat lill-Ispetturi illi hi harget dawk il-hwejjeg li nstabu fuq il-pultruna peress li kellha xi tghid mas-sieheb taghha. Ziedet tghidilhom ukoll illi dan il-*partner* taghha jorqod ghandha okkazjonalment f’xi “*weekend*”;

Gie deciz minn din il-Qorti kif presjeduta illi “mhux kull sitwazzjoni fejn tnejn minn nies jew aktar, ghax jghixu taht l-istess saqaf, ghandha tikkreja l-presunzjoni illi dawn jifformaw familja. Dan ghar-raguni illi mhux eskluz, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, illi jista’ jkollok qaghda fl-istess dar fejn ikunu separatament qed jabitaw aktar minn familja wahda, b’kap ghaliha, li jkunu indipendenti minn xulxin. Naturalment, kollox jiddependi mill-fattispeci singolari u partikolari tal-kaz li jkun qed jigi mistharreg”. Ara “**Riccarda k/a Ludgarda Cini -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 7 ta’ Frar, 2007. Ara wkoll “**Diana Gatt -vs Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, 31 ta’ Ottubru, 2008;

Ovvjament, huwa ferm logiku illi ma jistax jonqos li jkun issenjalat illi, ghal min irid jiggudika, bosta jiddependi fuq il-valur u l-kredibilita` tal-provi. Dan ghaliex fl-ezercizzju jassumu importanza qawwija l-gudizzju tal-verosimiljanza u ta’ l-attendibilita` ta’ dawk l-istess provi. Ara “**Marcelle Tanti -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, Appell, 9 ta’ Mejju, 2007;

Premess dan, huwa konvenjenti li jigu rikapitolati l-principji infraskritti u li din il-Qorti kellha okkazjoni tafferma fi skorta

ta' decizjonijiet taghha li mal-fattispeci tal-kaz prezenti ghandhom xebh:-

1. Il-ligi tinvesti lid-Direttur bil-poter diskrezzjonali li jiddetermina min, fil-fehma tieghu, ghandu jitqies "<u>kap tal-familja</u>" fit-termini tad-definizzjoni ta' din l-espressjoni skond il-Kapitolu 318;

2. Dipendenti mill-fattispeci partikolari dak l-ezercizzju diskrezzjonali fid-Direttur ma jistax jitqies vizzjat minn attitudni errata jekk min, bhall-appellanti, hu tenut joffri spjegazzjoni plawsibbli tal-qaghda konsegwita mill-ispezzjoni li tkun saret, jonqos li jaghmel dan ghas-sodisfazzjoni tad-Direttur jew ta' l-Arbitru warajh;
Ara d-decizjoni fl-ismijiet "**Maria Grixti -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Appell, 12 ta' Dicembru, 2007 u s-sentenzi f'din elenkati: **Rita Cauchi** (10 ta' Ottubru, 2005), **Mary Anne Graham** (10 ta' Mejju, 2006), **Romina Cachia** (18 ta' Ottubru, 2006), **Shirley Xuereb** (22 ta' Novembru, 2006) u **Maria Lourdes Zahra** (28 ta' Frar, 2007);

Kif diga` osservat kull kaz irid jigi mgharbel skond il-fattispeci pekularji tieghu. Fil-kaz prezenti, l-indagini li saret mill-Ispettorat tal-Frodi qajla thalli lok ghal spekulazzjonijiet jew kongetturi diversi minn dawk tal-fatt ovvju illi l-appellanti u l-imsemmi Charles Saliba kienu effettivament qeghdin jikkoabitaw flimkien taht saqaf wiehed. Din hi almenu l-inferenza li tinzel mill-provi u mic-cirkostanzi generali tal-kaz skond dak il-grad ta' certezza ghall-formazzjoni tal-konvinciment;

Huwa veru illi l-ligi tikkreja l-presunzjoni li tnejn minn nies li jikkoabitaw flimkien taht l-istess saqaf jikkostitwixxu familja, ukoll jekk dawn ma jkunux mizzewga. Hekk ukoll huwa veru illi d-deteminazzjoni ta' min ghandu jigi meqjus l-kap fosthom hi materja mhollija *ex lege* "fl-opinjoni tad-Direttur". Daqstant iehor pero` hu mistenni illi, biex tingheleb dik il-presunzjoni legali u l-opinjoni tad-Direttur, min hu gravat bil-piz li jwaqqa' dik il-presunzjoni ghandu jaghmel dan bi prova kuntrarja li tkun wahda univoka,

determinanti u konklussiva. Certi kazijiet kienu jwasslu ghal prova bhal din (ara b’ezempju d-decizjoni ta’ **Joan Orsini** – 18 ta’ Ottubru, 2006). Ohrajn, le. Il-kaz prezenti, ukoll fuq il-fehma ta’ din il-Qorti, jaqa’ f’din il-kategorija ta’ l-ahhar.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-Arbitru, bl-ispejjez jibqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------